IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2025
COM(2025) 402 final

2025/0217 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-estensjoni tat-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Ministri (KM) tal-Kunsill tal-Ewropa f'Settembru 2025, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li tagħti lill-Każakistan estensjoni ta' sentejn tat-terminu għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("Konvenzjoni ta' Istanbul" jew "Konvenzjoni").

### 1.1. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul tistabbilixxi sett komprensiv u armonizzat ta' regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Ewropa u lil hinn minnha. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014.

F'Ġunju 2017, l-UE ffirmat il-Konvenzjoni, u fit-28 ta' Ġunju 2023 lestiet il-proċedura tal-adeżjoni, li fl-1 ta' Ottubru 2023 skattat id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-UE. L-UE aderiet mal-Konvenzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni[1] u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement[2]. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, l-Irlanda u d-Danimarka mhumiex marbuta bl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni[3]. Bħalissa hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inklużi l-UE u 22 Stat Membru tal-UE[4].

### 1.2. Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa

Il-KM huwa l-korp deċiżjonali tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE). Il-KM huwa magħmul mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin tas-46 Stat Membru tal-KtE, bir-Rappreżentanti Permanenti tagħhom fi Strasburgu li jaġixxu bħala Deputati. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-KM huma deskritti fil-Kapitolu IV tal-Istatut tal-KtE ("l-Istatut")[5]. Skont l-Artikolu 14 tal-Istatut, kull membru tal-KtE għandu jkun intitolat għal rappreżentant wieħed fil-KM, u kull rappreżentant għandu jkun intitolat għal vot wieħed. L-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-KtE u b'hekk irrappreżentati fil-KM. Il-KM jiltaqa' fil-livell ministerjali darba fis-sena u fil-livell tad-Deputati kull ġimgħa.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1–3.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4–6.

3 F'konformità mal-Protokolli Nru 21 u Nru 22 annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4 Status tar-ratifiki fit-13.06.2025: AT (2013); BE (2016); CY (2017); DE (2017); DK (2014); IE (2019); EL (2018); ES (2014); EE (2017) FI (2015); FR (2014); HR (2018); IT (2013); LU (2018); MT (2014); NL (2015); PL (2015); PT (2013); RO (2016); SI (2015); SV (2014), LV (2024).

5 L-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 001), Lista sħiħa - Uffiċċju tat-Trattat.

### 1.3. Id-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa

L-Artikolu 75(1) tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jipprevedi li l-Konvenzjoni tkun miftuħa għall-adeżjoni mill-Istati Membri tal-KtE, l-Istati Membri mhux tal-KtE li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha u l-UE. L-Artikolu 76(1) jipprevedi wkoll li l-Konvenzjoni tkun miftuħa għall-adeżjoni wkoll minn Stati mhux membri li ma pparteċipawx fl-elaborazzjoni tagħha, dment li dawn ikunu ġew mistiedna formalment biex jaderixxu mill-KM. F'dan ir-rigward, il-KM jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u wara li jikseb il-kunsens unanimu tagħhom, jistieden kwalunkwe Stat Membru mhux tal-KtE jaderixxi mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni li tittieħed mill-maġġoranza ta' żewġ terzi tal-KM[6] u b'vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni intitolati li jkunu fil-Kumitat tal-Ministri[7].

Fit-22 ta' April 2020, il-KM iddeċieda li jistieden lill-Każakistan jaderixxi mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. F'konformità mad-deċiżjoni, din l-istedina kienet valida għal ħames snin mill-adozzjoni tagħha, jiġifieri sat-23 ta' April 2025.

Permezz ta' ittra datata t-3 ta' April 2025, il-Każakistan talab estensjoni tat-terminu tiegħu għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni sa sentejn, biex ikun jista' jlesti l-proċessi interni tiegħu. L-Istati Membri tal-KtE u l-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul ġew infurmati b'ittra datata s-7 ta' April 2025 bit-talba u li din tirrikjedi deċiżjoni ġdida mill-KM. Il-Grupp Relatur tal-KM dwar il-Kooperazzjoni Legali (GR-J, Rapporteur Group on Legal Co-operation) huwa mistenni jeżamina t-talba fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Settembru 2025, fejn wara l-KM huwa mistenni jadotta deċiżjoni biex jestendi t-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni ta' Istanbul sa sentejn, kif mitlub ("id-deċiżjoni prevista").

## 2. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Huwa propost li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Ministri f'Settembru 2025 għandha tkun li tiġi appoġġata l-estensjoni tat-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni ta' Istanbul biex il-Każakistan jingħata ż-żmien meħtieġ biex ilesti l-proċessi interni tiegħu. L-adeżjoni tal-Każakistan tkun ta' benefiċċju għall-Unjoni peress li testendi l-istandards ambizzjużi tal-Konvenzjoni għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika lejn dak il-pajjiż.

## 3. BAŻI ĠURIDIKA

### 3.1. Bażi legali proċedurali

#### *3.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim, meta dak il-korp jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

L-Artikolu 218(9) TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim[8].

---

6 L-Artikolu 20.d tal-Istatut.

7 Għal aktar informazzjoni dwar il-proċedura għall-adeżjoni minn Stati li mhumiex Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u li ma pparteċipawx fl-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni ara: CETS 210 - Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika - il-Modalitajiet għall-adeżjoni.

8 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi wkoll atti ta' natura organizzattiva li jinfluwenzaw il-mod li bih id-deċiżjonijiet jittieħdu fil-korp, pereżempju jekk korp b'setgħat deċiżjonali jaċċetta pajjiż ġdid bħala membru.

*3.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-KM huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Istatut. Id-deċiżjoni li jiġi estiż it-terminu għall-adeżjoni tat-Tuneżija mal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li l-KM huwa mitlub jadotta, tikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni tammonta għal "tiġdid" tal-istedina billi l-istedina inizjali skadiet fit-23 ta' April 2025. Jekk tiġi estiża l-iskadenza, u jekk il-Każakistan jaderixxi mal-Konvenzjoni fil-perjodu ta' żmien imġedded, jiġu stabbiliti relazzjonijiet konvenzjonali bejn l-UE u l-Każakistan fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Id-deċiżjoni li ttieħdet mill-KM jista' jkollha wkoll effetti legali fuq l-Unjoni minħabba li l-adeżjoni tal-Każakistan tinfluwenza l-mod li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-Kumitat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul. L-att previst ma jissupplimentax u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## 3.2. Bażi legali sostantiva

*3.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jsegwi għadd ta' objettivi simultanjament, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE se jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

*3.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Fir-rigward tal-bażi legali sostantiva, l-UE ssieħbet mal-Konvenzjoni ta' Istanbul fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni[9] u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement[10]. L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul seħħet permezz ta' żewġ deċiżjonijiet distinti tal-Kunsill biex

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).

jittieħed kont tal-pożizzjoni speċjali tad-Danimarka u tal-Irlanda fir-rigward tat-Titolu V TFUE. Konsegwentement, id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-KM għandha tinqasam f'żewġ deċiżjonijiet paralleli, peress li r-relazzjoni konvenzjonali mal-Każakistan tiġi stabbilita għall-aspetti kollha tal-Konvenzjoni. Il-bażi legali għal din id-deċiżjoni tikkonċerna kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement. Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta tinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84 TFUE.

### 3.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

2025/0217 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-estensjoni tat-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul" jew "il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075[11], fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076[12], fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023. Bħalissa hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inklużi l-UE u 22 Stat Membru tal-UE.

(2) Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ("il-Kumitat tal-Ministri") huwa l-korp deċiżjonali tal-Kunsill tal-Ewropa. Huwa magħmul mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin tas-46 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u r-Rappreżentanti Permanenti tagħhom fi Strasburgu li jaġixxu bħala Deputati. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri huma deskritti fil-Kapitolu IV tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa[13]. Skont l-Artikolu 14 tal-Istatut, kull membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jkun intitolat għal rappreżentant wieħed fil-Kumitat tal-Ministri, u kull rappreżentant għandu jkun intitolat għal vot wieħed. L-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa u b'hekk irrappreżentati fil-Kumitat tal-Ministri.

(3) Skont l-Artikolu 76(1) tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-Kumitat tal-Ministri jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u wara li jikseb il-kunsens unanimu tagħhom, jistieden lil Stat Membru mhux tal-Kunsill tal-Ewropa biex

---

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

12 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).

13 L-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 001), Lista sħiħa - Uffiċċju tat-Trattat.

jaderixxi mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Tali deċiżjoni tirrikjedi l-maġġoranza prevista fl-Artikolu 20.d tal-Istatut (maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Kumitat tal-Ministri) u l-vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni intitolati li jkunu fil-Kumitat tal-Ministri.

(4) Fit-22 ta' April 2020, il-Kumitat tal-Ministri ddeċieda li jistieden lill-Każakistan jaderixxi mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. F'konformità mad-deċiżjoni, l-istedina kienet valida ħames snin mill-adozzjoni tagħha, jiġifieri, sat-23 ta' April 2025.

(5) Permezz ta' ittra datata t-3 ta' April 2025, il-Każakistan talab estensjoni tat-terminu ta' adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni ta' Istanbul ta' sentejn, biex ikun jista' jlesti l-proċessi interni tiegħu.

(6) Il-Kumitat tal-Ministri, fil-laqgħa tiegħu f'Settembru 2025, huwa mistenni jadotta deċiżjoni li tagħti lill-Każakistan estensjoni ta' sentejn tat-terminu għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ministri, peress li l-estensjoni tat-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni ta' Istanbul jista' jkollha effetti legali fuq l-Unjoni. L-estensjoni ġġedded l-istedina li skadiet tal-Każakistan biex jaderixxi u għalhekk tista' timplika l-istabbiliment ta' relazzjonijiet konvenzjonali bejn l-Unjoni u l-Każakistan fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Id-deċiżjoni tista' tinfluwenza wkoll il-mod li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

(8) L-adeżjoni tal-Każakistan tkun ta' benefiċċju għall-Unjoni peress li testendi l-istandards ambizzjużi tal-Konvenzjoni għal dak il-pajjiż. Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-Każakistan jingħata sentejn oħra biex ilesti l-proċeduri interni tiegħu.

(9) Peress li l-Unjoni mhijiex membru tal-Kunsill tal-Ewropa iżda l-Istati Membri kollha huma membri, l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni, li jaġixxu b'mod konġunt.

(10) L-Irlanda mhijiex marbuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 u għalhekk mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa f'Settembru 2025, għandha tkun li tiġi appoġġata l-estensjoni tat-terminu għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, għandhom jesprimuha l-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, li jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*